

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Lulju 2007

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija

(2007/.../KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 tiegħu flimkien ma' l-ewwel u t-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Ottubru 2006 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, sabiex fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tinnegoza mar-Repubblika taċ-Ċili t-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Dawn in-negożjati ġew konklużi u t-Tieni Protokoll Addizzjonali ġie inizjalat fis-26 ta' Marzu 2007.
- (3) Suġġett għall-konklużjoni eventwalment possibbli tiegħu f'data aktar tard, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għandu jiġi ffirmat fisem il-Komunità u l-Istati Membri u l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tiegħu għandha tiġi approvata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw, fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. L-Artikoli 2, 3, 4 u 9 tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għandhom ikunu applikati b'mod provviżorju sa meta dan jidħol fis-seħħ.

Magħmul fi Brussel, 23 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

L. AMADO